VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,892, 31 ta' Ottubru, 2017
Taqsima B

A.L. 305 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Spatial Planning taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Spatial Planning taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"is-Certificate" tfisser is-Certificate in Spatial Planing;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għas-Certificate in Spatial Planning; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) L-applikanti li jidħlu bħala "Studenti Adulti" skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom dawk il-kwalifiki u / jew esperjenza li tissodisfa lill-Bord li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt. Dawn l-applikanti jkunu meħtieġa li mal-applikazzjoni tagħhom jissottomettu ittra ta' motivazzjoni għaliex jixtiequ jidħlu fil-Kors miktuba bl-Ingliż, flimkien ma' kopja tal-*Curriculum Vitae* tagħhom.

(3) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, qabel ma jidħlu fil-Kors, għandhom ikunu għaddew f'test ta' proficjenża tal-Lingwa Ingliża kif approvat mill-Università, sakemm li l-applikanti li jkollhom iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi grad 3 jew ogħla fil-Lingwa Ingliża jew li jkollhom ċertifikat ta' kwalifika komparabbli fl-istess livell, għandhom ikunu eżentati milli joqgħodu għat-test ta' proficjenza.

(4) Id-dħul għall-Kors jista', bl-approvazzjoni tas-Senat, ikun ristrett għall-applikanti li jkunu nominati mill-Awtorità tal-Ippjanar sakemm li dawn l-applikanti jkunu eliġibbli għad-dħul skont il-paragrafi (1), (2) u (3) ta' dan l-ordinament. Dan il-limitu għandu jkun imħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' semestru wieħed ta' studju fuq bażi *full-time* jew żewġ semestri ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti minn għadd ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati total ta' 30 krettu ECTS.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun imfassal mill-Bord tal-Istudji u ppubblikat mill-Bord wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux inqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) L-istudenti għandhom jattendu mill-inqas 80% tal-programm tal-*lectures*, *workshops* ta' prattika jew *seminars* preskritti għal kull taqsima studju qabel ma jitħallew joqogħdu għal kwalunkwe valutazzjoni formali tat-taqsimiet studju.

L-Għotja taċ-Ċertifikat

7. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha indikati fl-ordinament 5.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.